# TRIBUNAL INDUSTRIJALI
# DEĊIZJONI NRU 1775

Każ Nru 2380/FM

Fil-kwistjoni tax-Xogħol

bejn

Pierre Duca

u

De La Rue Currency & Security Print Ltd (C 1043)

dwar tkeċċija mill-impieg allegata li hi nġusta

Data: 2 ta' April 2007

**Chairman: Franco Masini**

## 1. Introduzzjoni

Dan il-każ ġie intavolat permezz ta' rikors tas-27 ta' Ġunju 2006 tal-Avukatessa Marvic DeBarro f'isem is-sur Pierre Duca li permezz tiegħu ġie allegat li l-liċenzjament tiegħu minn mas-soċjetà De La Rue Currency and Security Print Ltd kienet għal raġuni mhux ġusta. Huwa kien rappreżentat minn Ms Rebecca Gatt, Segretarja tat-Taqsima Kimika, Energija u Stampar tal-GWU, assistita mill-Avukatessa DeBarro. Il-Kumpanija Appellata li kienet rappreżentata minn Ms Agnes Agius, HR Manager, assistita mill-Avukat Andrew Borg Cardona innegat dan. Inżammu seba' seduti.

Ai termini ta' l-Artikolu 78(1) tal-Kap 452 irid jingħad illi minħabba xi differimenti li kienu intalbu waqt is-smiegħ tal-każ kif ukoll minħabba nuqqasijiet infrastrutturali ma kienx possibbli li t-Tribunal jisma u jaqta l-każ fiż-żmien ta' xahar preskritt mill-liġi.

## 2. Fatti tal-Każ

Il-Kumpanija Appellata fil-11 ta' Mejju 2006 illiċenzjat lill-Appellant minħabba l-fatt li bi ksur ta' ftehim iffirmat minnu fit-12 ta' Novembru 2004 huwa kien instagħab, wara

test li sarlu, li abbuża mid-droga. L-Appellant jinnega dan. Jallega li t-test li sarlu forsi kien posittiv għaliex bħal f'*passive smoking* huwa seta' bela' xi duħħan kontaminat għaliex kien iffrekwenta *bar* fejn forsi kien hemm tipjip tal-ħaxixa. Jgħid ukoll illi huwa minn jeddu għamel żewġ testijiet li t-tnejn irriżultaw negattiv.

**3. Konsiderazzjonijiet**

Dan il-każ jinpernja ruħu fuq ftehim li kien għamel l-Appellant mal-Kumpanija Appellata f'Novembru 2004. Dan il-ftehim kien sar wara li l-istess Appellant kien tkeċċa mill-impieg tiegħu ma' l-istess Kumpanijja Appellata wara li kien għadda xi żmien l-isptar kawża ta' droga li kien ħa. Il-Kumpanijja Appellata, wara li l-Appellant kien għamel xi kors ta' rijabilitazzjoni, reġgħet impjegatu iżda mhux qabel ma ffirma dikjarazzjoni (Dok AA1). Din kienet sostanzjalment tgħid li huwa kien jaqbel li jistgħu isiru testijiet ma' tul l-impieg tiegħu anke *at random* meta jkun hekk rakkomandat mit-Tabib tal-Kumpanijja Appellata. Jekk dawn it-testijiet jirriżultaw fil-pozittiv l-impieg tiegħu kien jiġi terminat immedjatament.

Għaldaqstant il-kuntratt tax-xogħol tiegħu kien kondizzjonat b'dan il-ftehim. Meta fit-8 ta' Mejju 2006 fuq ordni tat-Tabib l-Appellant kien ġie mitlub jagħti *specimen* tal-urina tiegħu u wara test li sar dan ħareġ posittiv il-Kumpanijja Appellata mxiet skond il-ftehim imsemmi iktar 'il fuq u illiċenzjatu. Huwa sussegwentement għamel minn jeddu żewġ testijiet oħra fis-16 u 17 ta' Mejju 2006 (Dok PD2 u PD1 rispettivament) li t-tnejn li huma taw riżultat negattiv. Jirriżulta wkoll li attentat biex isir test iktar sofistikat li fil-fatt lanqas ma kien jista jsir Malta kien abortit.

Fil-fehma tat-Tribunal it-test ordnat mill-Kumpanijja Appellata huwa vitali għal dan il-każ peress illi sar skond it-termini tal-ftehim tal-2004 li bih intrabat l-Appellant. Mela l-Kumpanijja Appellata kellha kull dritt li tordna fuq rikjesta tat-Tabib li jsir dan it-test. It-test irriżulta posittiv kif ġa intqal. L-Appellant issolleva l-punt ta' *passive inhalation*. Iżda dana ġie dikjarat anke minn xhud espert ta' l-istess Appellant li kienet ħaġa remota. Dan ix-xhud, Dr Michael Sammut, fis-seduta tal-31 ta' Jannar 2007 qal (fol.17) "iċ-*chances* li tara *a positive from passive smoking* huma remoti ħafna. Trid ammont fenominali, trid tkun espost ħafna". L-istess Appellant fil-kontro-eżami tiegħu iminimiżża dan l-argument għax qal "li jista jkun, mgħidtilhomx li mija fil-mija" (seduta tas-7 ta' Frar 2006 fol.3).

L-Appellant imbagħad attakka l-integrità tat-test magħmul fuq ordni tal-Kumpanija Apellata. Jibbaża l-argument tiegħu mhux fuq l-i*specimen* għax dak kien tiegħu u kien waħdu meta pproduċih u għalhekk kien sgur ġenwin. L-allegazzjoni li saret kienet dwar l-integrità taċ-*chain of custody* ossia l-passaġġ tal-i*specimen* mis-*surgery* għal għand il-laboratorju fejn fil-fatt sar it-test. Nancy Caruana, n-*nurse* tal-Kumpanijja Appellata kellha l-inkarigu mit-Tabib biex tagħmel arranġamenti biex jittieħed l-i*specimen* tal-urina ta' l-Appellant u jsir it-test neċessarju. Hija xhedet fis-seduta tat-18 ta' Ottubru 2006 u iddeskriviet d-dettalji ta' kif mxew l-affarijiet. B'risposta għal domanda tat-Tribunal testwalment tgħid (fol.16) "Issiġillajtu bit-*tape* ħalli ma jillikjax, isiġillajtu ġo boroż tal-*plastic* u għamiltu f'*envelope* magħluq, għamiltlu ittra miegħu li għandi kopja

tagħha u lil Pierre tajtu kopja wkoll tagħha li tgħid li nippreservaw l-anonimità naturalment u mmarkajtu De La Rue *number one*. Pero' minn ġewwa kollox. Jiġifieri minn barra kull ma kellu miktub *to be collected by Mr Paul Sultana* u ħallejtu l-*gate house* l-għaliex aħna nispiċċaw fit-tlieta u nofs u Mr Sultana qalli li jista' jiġi għalih xi l-erbgħa". Qalet ukoll li ħallietu mas-*Security Guard* tal-*gate house.*

Is-Sur Paul Sultana, diretttur tal-Laboratorju Mediku li għamel it-test, fis-seduta tal-1 ta' Novembru 2006 jgħid li mhux huwa ġabru l-i*specimen* peress li għandhom sistema ta' *couriers* li jiġbru *samples* minn ħafna *clinics* f'Malta. Pero' kien ċert li is-*sample* li għamlu t-test fuqu kien l-istess wieħed li nġabar minn De La Rue. "Ħa ngħidlek. Jien fiduċjuż li *sample* li ngħata mill-*gate* lil *courier* tiegħi wasslitu fil-laboratorju" (fol.19). U kompla jgħid (fol.20) "Kif ħareġ mill-*gate*, dak nista' naħlef li wasal il-laboratorju u sar fuqu".

Ma nġiebet l-ebda prova li kien hemm xi ħaġa rregolari li ġabet xi dubji fuq it-test. Għaldaqstant it-Tribunal ma kellu l-ebda konferma li d-dubji li vventila l-Appellant kellhom xi bażi. Huwa prinċipju fundamentali li min jallega irid jipprova. It-Tribunal huwa sodisfatt li l-allegazzjonijiet ta' l-Appellant għal dan ir-rigward ma ġewx pruvati jew sostnuti.

Waqt is-smiegħ tal-każ issemmiet il-possibiltà li t-test seta' ta riżultat *false positive*. Iżda anke hawn l-istess xhud espert miġjub mill-Appellant, Dr Michael Sammut, stqarr darbtejn li "*Cannabis* huwa l-inqas wieħed li jista' jtik *false positives*" (Seduta tal-31 ta' Jannar 2007 fol. 8 u fol. 9). U dwar it-test jgħid fl-istess seduta (fol.9) li t-test għal *cannabis* "Huwa l-iktar wieħed biex ngħid hekk *reliable* fil-grad mill-i*screening*".

Li jħasseb ftit lit-Tribunal huwa l-fatt li kien hemm żewġ testijiet oħra magħmula fuq inizjattiva ta' l-Appellant li taw riżultat negattiv meta l-ewwel test kien posittiv. It-Tribunal ma jistax joqgħod għal kollox fuq dawn iż-żewġ testijiet peress illi anke skond il-ftehim tal-2004 it-testijiet iridu jkunu rakkomandati mit-Tabib tal-kumpanija. Barra minn hekk anke jekk ma hemmx dubju fuq l-integrità tal-laboratorji li għamluhom il-fatt li ma sarux fuq kummissjoni tat-Tabib tal-Kumpanija huma estranei għal ftehim imsemmi li ma jitkellimx fuq xi *second opinion*, għad li wara li saru dawn it-testijiet il-Kumpanija fuq insistenza ta' l-Appellant kienet propensa li tikkummissjona test iktar sofistikat. Dan it-test għal raġunijiet li sgur mhux tort tal-Kumpanijja Appellata kien abortit.

Għad li ma saret l-ebda alluzjoni u wisq inqas ma ġew preżentati ebda provi t-Tribunal ikkonsidra minn jeddu ipotesi ta' *frame up* kontra l-Appellant. Iżda minn dak li ġie ippreżentat waqt is-smiegħ irriżulta li l-Appellant skond Ms Agnes Agius "kien impjegat tajjeb. Ma kellniex problemi fuqu" (seduta tas-27 ta' Settembru 2006 fol.32). Oltre dan kien ingħata *promotion*. Iżda fuq kollox minkejja l-problema li kellu f'Ġunju 2004 xorta ingħata ċ-ċans li jerġa jiġi mpjegat wara l-kors ta' rijabilitazzjoni li kien għamel. Għaldaqstant it-Tribunal sodisfatt li l-Kumpanija Appellata kienet kuntenta bih u tappoġġjah sakemm inqala' li nqala'. Dana ċertament iġib fix-xejn l-ipotesi li semmejna.

Għal dik li hija suffiċjenza it-Tribunal eżamina l-ftehim tal-2004 u minnu jirriżulta b'mod l-iktar ċar li jekk test ikun posittiv l-impieg jiġi terminat minnufih. Għaldaqstant ma hemmx lok ta' xi attenwazzjoni tas-sanzjoni estrema.

**4. Deċiżjoni**

It-Tribunal Industrijali jsib li l-Appellant Pierre Duca ġie liċenzjat minn mal-Kumpanija Appellata De La Rue Currency & Security Print Ltd għal raġuni ġusta u suffiċjenti.

B'hekk jintemm dan il-każ.

**5. Drittijiet**

Għall-iskop ta' l-Avviz Legali Numru 48 tal-1986 it-Tribunal jiffissa d-drittijiet ta' min assista lill-partijiet fl-ammont ta' LM40 kull wieħed.

**6. Siġillar**

Minħabba n-natura ta' dan il-każ it-Tribunal jordna li l-atti kollha jiġu sigillati u jkunu disponibbli biss lill-partijiet u lil xi organu ġjudizzjarju jekk ikun meħtieġ.

Franco Masini
Chairman